**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall) fl-10 ta' Mejju 2022 – FL vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

**(Kawża C-312/22)**

(2022/C 294/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal Administrativo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* FL

*Konvenut:* Autoridade Tributária e Aduaneira

**Domanda preliminari**

Il-fatt li d-dħul minn interessi minn obbligazzjonijiet u titoli ta' dejn, imħallsa minn entità bankarja Svizzera mhux residenti [lir-]rikorrent fis-sena 2005, għandu jkun suġġett għal kumulu fiskali u b'hekk intaxxat bl-istess rata tat-[taxxa fuq id-dħul ta' persuni fiżiċi] bħall-kumplament tad-dħul, liema fatt jiddetermina t-tassazzjoni rispettiva b'rata ta' taxxa ħafna ogħla minn dik li tkun dovuta (rata f'ras il-għajn) fil-li kieku dan id-dħul kellu jitħallas minn entità bankarja residenti fit-territorju nazzjonali, huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fit-13 ta' Mejju 2022 – KRI SpA, fil-kapaċità tagħha ta' kumpannija li inkorporat lil SI.LO.NE. – Sistema logistico nord-est Srl vs Agenzia delle Dogane e dei Monopoli**

**(Kawża C-323/22)**

(2022/C 294/23)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* KRI SpA, fil-kapaċità tagħha ta' kumpannija li inkorporat lil SI.LO.NE. – Sistema logistico nord-est Srl

*Konvenut:* Agenzia delle Dogane e dei Monopoli

**Domanda preliminari**

L-ewwel sentenza tal-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti ([1]) għandha tiġi interpretata fis-sens li, fil-każ ta' rilaxx irregolari tal-prodott suġġett għad-dazju tas-sisa, ir-responsabbiltà tal-magazzinier garanti tal-ħlas tat-taxxa hija ta' tip oġġettiv, mingħajr ebda possibbiltà ta' ħelsien mill-obbligu u [mill-ħlas tas-]somom korrispondenti għas-sanzjonijiet rispettivi, anki meta dan ir-rilaxx ikun jiddependi minn fatt illegali – esklużivament – imputabbli lil terz, jew tista' tiġi interpretata fis-sens li l-eżenzjoni mid-dazju u mis-sanzjonijiet rispettivi għandhom jiġu rrikonoxxuti – bħala każ fortuwitu jew forza maġġuri – lill-magazzinier garanti li mhux biss jirriżulta li huwa għalkollox estraneu għall-fatt illegali tat-terz iżda li jirriżulta wkoll li għandu aspettattivi leġittimi u mingħajr ħtija dwar ir-regolarità tal-moviment tal-prodott taħt reġim ta' sospensjoni tad-dazju?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 179, u r-rettifika fil-ĠU 2015 L 210, p. 39.

---